-

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

**Nhar it-Tnejn 27 ta'Novembru 2023**

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm.

**PREŻENTI:**

Conrad Borg Manche – Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier
Jessica Borg- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ralph Mangion – Viċi Sindku
Mario Azzopardi- Kunsillier
Alexander Calleja Zammit- Kunsillier

**ASSENTI**

Jeremy Cardona- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mandy Farruġia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

63.1.1 Il- Laqgha tal-Kunsill fethet fil-hamsa ta' fil ghaxijaIs b'talba mis- Sindku Conrad Borg Manche.

Is- Segretarju Deputat Mandy Farrugia infurmat li rceviet ittri ta' apologiji min ghand is- Sinjur Ralph Mangion – Viċi Sindku, is- Sinjur Mario Azzopardi- Kunsillier u is- sinjur Alexander Calleja Zammit- Kunsillier

## 63.2 Korezzjonijiet u xogħol li jrid isir.

63.2.1 B'referenza għall- punt nru. 61.6.13 ġew mistiedna P.C. 2020 u P.C 144 li rrappreżentaw lill-'Community Police' biex jispjegaw is-servizzi li se jkunu qed joffru. Il-grupp tal-'Community Police' se jkun magħmul minn 4 persuni sabiex jigi assigurat li kuljum ikun hemm xi ħadd fuq ir-ronda.

63.2.2 B'referenza għal punt nru. 61.2 il-Kunsillier Neville Chetcuti gharraf illi l-kaxxa tal-BCRS ġiet tlett ġimgħat ilu pero għadha ma ġietx mixgħula.

63.2.3 B'referenza għall- punt 61.2.3 il-Kunsillier Hugh Caruana reġa' staqsa dwar l-applikazzjoni ta' Triq Luqa Briffa biex issir one-way. Gharraf ukoll li din l-issue qed tqajjem tizgwid peress li ħadd ma jrid iċedi. Ghalhekk mistennija tintbgħat ittra ta'applikazzjoni.

63.2.4 Il-Kunsillier Neville Chetcuti semma li minnkejja il- Junction box ta' bejn Sliema Road u Victory Street qed ikun hemm ħafna traffic, ix-xoghol għadu ma sax.

63.2.5 Il-Kunsillier Hugh Caruana rrefera ghal Texas Garage. Hu qal li hemm bżonn tittieħed azzjoni għax kif qegdha bħalissa ħadd ma jista' jipparkja għax ix-xogħol li kellu jsir għadu ma tlestiex.

63.2.6 Il-Kunsillier Ian Buħagiar informa li hemm bżonn tittranġa l-ħofra tal-istage ġewwa Sliema Road biex nevitaw xi inċident.

63.2.7 B'referenza għall-punt 61.3.4, il-Kunsillier Jessica Borġ staqsiet jekk l-ittra lill-LESA kinitx intbgħatet ħabba l-wardens ħdejn l-iskola Santa Monika minħabba security.

63.2.8 Il-Kunsillier Jessica Borġ staqsiet dwar il-progress tal-ġnien mal-Lands. Is-Sindku gharraf li l-ġnien qiegħed fuq l-aġenda ta' din il-laqgħa.

Fuq proposta tal-Kunsillier is-Sinjura Jessica Borg , issekondata mill-Kunsillier is-Sur Hugh Caruana. Kien hemm qbil unanimu.

## 63.3 Korrespondenza mas-Sindku

63.3.1 Kien hemm korrispondenza minn naha tal-Kumitat tal-Banda fejn dan talab biex il-Kunsill jaghmel reklam fuq il kalendarju ta' din is-socjeta' , kif ukoll biex il-Kunsill jippartecipa fil-purcissjoni tal-Bambin u fil-kuncert tal-Iskola Primarja. Dwar dawn kien hemm qbil unanimu.

63.3.2 Is-Sindku qal li ircieva email minn Global Footprint dwar twinning stati ohra mill-Kommunita tal-Hindu. Ghaldaqstant is- Sindku ssugerixa li issir laqgha maghhom.

63.3.3 Is- Sindku ressaq l-performance bonus tal-impjegati fejn ġie deċiż li bbażat fuq il-ħidma mwettqa, jingħata l-massimu lil kull impjegat.

63.3.4 Is-Sindku qal illi rċieva email mil- Iskola Primarja fejn dawn qed jitolbu ghajnuna ghall-air conditions. Dan bhalha parti mill-kumpens ghal fatt li qed jiehdu hsieb l-Amministrazzjoni tal- librerija. Il-Kunsilliera s-sinjura Jessica Borg issuggeriet li jsiru airconditions fil-librerija ukoll.

## 63.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

63.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

## 63.5 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

63.5.1 Proġett tal-Gvern – Kunsill tal-Ewropa - Is- Sindku qal li l-Kunsill ma rcieva l-ebda korrespondenza u jisuggerixi li tinkiteb ittra lil Ombudsman dwar il- kas biex jinvestiga.

### 63.5.2 Event Proposal - Marina Spring Festival

Is-Sindku qal illi rċieva email mil- 0rganizzaturi tal- attivita Marina Spring Festival u il-Kunsill accetta il- proposta taghhom li terga' ssir l-attivita. Il-Kunsillier is- Sur Hugh Caruana ssugerixxa li navzaw lill-kuntrattur li l-permess ikun Subject to Permit minnhabba li ser isir xi xoghol fil gnien.

63.7.1 **Attivita' tal-Milied**

Is- Sindku ssugerixxa li tigi organizzata attivita' tal-Milied fit-Triq tal-Knisja fejn saret gdida . Kien hemm qbil unanimu izda ma giet deciza l-ebda data.

63.8.1 **Proposta biex Triq Manoel de Vilhena tigi *pedestrianised***

Is- Sindku ssugerixxa li perress li l-gvern qed jissugerixxi li f'kull lokalita ikun hemm *slow street* din issir fi Triq Manoel De Vilhena u ghalhekk tigi pedestrianised. Spjega li ghandhom isiru bollards fil-bidu u kif tispicca t-Triq, izda jithalla l-ispazzju necessarju ghal *delivery van* fi Triq Manoel de Vilhena u ohra goTriq Carlo Manche. Kien hemm qbil unanimu li din issir pedestrianised miz-zuntier tal-Knisja sal-kantuniera ta' Triq il-Vittorja. Pero intalab li i#jkun hemm tabella li tghid temporanja , u isiru xi tip ta' bankijiet biex jitkompla t-tisbieh tal-ambjent.

63.8.2 Il- Kunsillier is- Sur Ian Buhagiar fakkar li hemm xi rampi li jridu jitranggaw fit- Triq Stuard.

63.8.3 Il- Kunsillier is- Sur Neville Chetcuti staqsa f'hiex kien wasal ix-xoghol tal-perit tal-Kunsill mal-perit ta' Infrastructure Malta.

63.8.4 Il- Kunsillier is- Sur Neville Chetcuti staqsa dwar il- Monument tac-Crieki li kien hemm fil- gnien. Is- Sindku qal li dan jinsab il-Belt fil-post tal-Muza bhala arti sabiha. Izda ser issir replika tieghu tal-Bronz.

63.8.5 Pjazza Meme Scicluna biex ikollna update ta fhiex waslet.

63.8.6 Il- Kunsilliera is- Sinjura Jessica Borg staqsiet ghalxiex hemm wahda mil-latrini ghadha maghluqa izda ikkonfermat ukoll li l-latrini l-ohra qed jinzammu nodfa.

63.9 **Rapporti**

Ma kien hemm l-ebda rapport.

63.11 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Il-kunsillier N.Chetcuti ippropona li l-PAS jiġu approvati. Is- Sur I. Buhagiar issekondaħ

**61.7**

## Mozzjoni

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgha intemmet ghall-ħabta tas- 7:30pm. Is-seduta li jmiss se tkun fis-18 ta' Dicembru.

Konfermati llum 12 ta'Dicembru 2023

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Conrad Borg Manche | Mandy Farruġia |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |